# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 8 ta' Lulju 2020**

**Rikors Konġunt Numru : 227/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**CS**

**U**

**IS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat konġunt ta' CS u IS datat 17 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u tnejn u disgħin (1992) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa mis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala 'Dokument B' iżda kienu ilhom separati de facto minn Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif dikjarat fil-klawsola tmintax (18) tal-istess att.*

*Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin separati.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżewwġin u l-partijiet qegħdin jaħilfu dan l-att f'dan is-sens.*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati f'manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u tnejn u disgħin (1992);*

*Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verbal kongunt tal-partijiet illi iddikjaraw li huma qed jagħtu ruħhom b'notifikati bir-rikors, id-digriet u avviż tas-smiegħ.

**Ikkonsidrat;**

**CS** xehdet (FOL 21) li hija iżżewwġet lil IS fis-17 ta' Lulju 1992 u li minn dan iz-zwieġ kellhom żewġt itfal illum maġorenni u li għadhom jistudjaw. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-konjugi S iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fis-27 ta' Ġunju 2016. Illi sa' minn Jannar tas-sena elfejn u ħmistax, huma kienu bdew jgħixu ħajja separata, minkejja li kienu għadhom jgħixu taħt l-istess

saqaf. Illi minn dak in-nhar ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess. Xehdet ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment

IS xehed u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet martu CS.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fis-sbatax ta' Lulju 1992 (dok A, fol 4) li minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal it-tnejn maġorenni imma it-tnejn għadhom jistudjaw.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mary Camilleri Cutajar datat 27 ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax - dok B fol 5 – u li ilhom separati de facto sa' minn Jannar tal-2015 u ghalhekk ilhom separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**